**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Nadine Sant Lia**

**B.A; LL.M (Kent); LL.D, Barrister at Law (England & Wales)**

**Kumpilazzjoni Numru: 587/2020**

**Il-Pulizija**

*(Spettur Jonathan Cassar*

*Spettur Matthew Grech)*

**vs**

**Diakite Mohammed**

Illum, 7 ta' April, 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Diakite Mohammed,** ta' 24 sena, iben Youssouf u Aicha-Gary Diakite, imwieled fil-Mali nhar it-12 ta' Dicembru 1995, residenti fil-fond Bird of Paradise, Triq il-Merhba, Fgura, detentur tad-

Dokument tal-Ivjaggar Taljan: MD0028996 u detentur tal-Permess tar-Residenza Taljana bin-numru I12130621;

Akkuzat talli nhar it-Tlieta (3) ta' Novembru 2020 ghall-habta ta' bejn l-erbgha ta' filghodu (04:00hrs) u s-sitta neqsin kwart ta' filghodu (05:45hrs), fi Triq il-Kejla, Swieqi u/jew fi bnadi ohra f dawn il-Gzejjer:

1. Fil-fond, 20, 'II-Hawt', Triq il-Kejla, Swieqi ikkommetta serq ta' gojjellerija, flus kontanti u apparat eletroniku li kumplessivamnet jammontaw ghal aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-dannu ta' Marcolette Baker u/jew persuni ohra, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil- 'valur', bil-'lok' u bil-'hin' (Artikoli 261 (b)(c) (e), 263 (a) (b), 266 (1), 267, 269 (g), 278 (1) (2) (3), 279 (b), 280 (1)(2), u 281 (a) (b) (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Fil-fond bl-isem 'Elan', Triq Il-Kejla, Swieqi, bil-hsieb li jikkometti serq aggravat bil- ''mezz', bil- 'valur', bil-'lok' u bil-'hin' ghad-dannu ta' Ramon Mizzi u/jew persuni ohra, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzioni tad-delitt, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' tieghu (Artikoli 41 (1) (a), 261 (b)(c) (e) (), 263 (a) (b), 266 (1), 267, 269 (g), 278(1)(2) (3), 279 (b), 280 (1) (2), и 281 (a) (b) (c) tal-Kapitlu 9 tal-Ligjjiet ta' Malta);

U Aktar talli fl-istess data ghall-habta ta' bejn l-Erbgha ta' filghodu (04:00hrs) u nofsinhar (12:00hrs) gewwa dawn il-gzejjer:

3. Xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe apparat elettroniku, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun, ndahal biex ibieghhom jew imexxihom (Artikolu 334(a)tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

U aktar talli fl-istess data u fil-gimghat ta' qabel f dawn il-Gzejjer;

4. Biegh jew xort' ohra ttraffika il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, u dan bi ksur tal-Art 8 (e) tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha, bi ksur tal-Artikolu 8 (d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

II-Qorti hija giet mitluba mitluba sabiex f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond i-Artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul l-ezami tal-imputat fl-udjenza tal-4 ta' Novembru 2020 ai termini ta' l-artikolu 392(1) tal-Kodici Kriminali, l-imputat tenna li ma kienx hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.[1]

Wara li rat li l-Avukat Generali nhar il-31 ta' Mejju 2024 ipprezenta formalment l-artikoli tal-gudizzju ta' liema l-imputat ghandu jigi aggudikat minn din il-Qorti u jinstab hati u cioe[2]:

1. Fl-artikoli 261(b)(c)(e)(f); 263(a)(b); 266(1); 267; 269(g); 270; 278(3); 279(b), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

[1] Fol. 10 ta' l-atti processwali
[2] Fol. 412 ta' l-atti processwali

2. Fl-artikoli 41(1)(a); 261(b)(c)(e)(f); 263(a)(b); 266(1); 267; 269(g); 270; 278(3); 279(b), 280(2) u 281(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta′ Malta;

3. Fl-artikoli 334(a) u 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Fl-artikoli 8(e); 22(1)(a) u 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta′ Malta;

5. Fl-artikoli 8(d); 22(1)(a) u 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta′ Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02.

   Kif ukoll fl-artikoli 15A; 382A, 383, 384, 386 u 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u fl-artikoli 17; 31; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li matul is-seduta tat-18 ta′ Gunju 2024 din il-Qorti, wara li gew moqrija l-istess artikoli tal-gudizzju ai termini tal-Artikolu 370(3) (b) tal-Kodici Kriminali, staqsiet lill-imputat jekk kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat zmien xieraq biex iwiegeb ghal din il-mistoqsija, wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u l-Qorti ghalhekk hadet nota bil-miktub ta' din it-twegiba fil-process ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodici Kriminali u kkonvertiet ruhha f'Qorti ta' Gudikatura Kriminali.[3]

Rat illi l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha definittivament nhar is-7 ta′ Mejju 2024.[4]

---

[3] Fol. 415 ta’ l-atti processwali
[4] Fol. 410 ta’ l-atti processwali

Rat illi l-provi tad-difiza gew dikjarati maghluqa fis-seduta tat-8 ta' Ottubru 2024.[5]

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li nstemghu quddiem il-Qorti;

Rat id-dokumenti kollha pprezentati, hadet konjizzjoni tax-xhieda prodotti, fliet l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-atti kollha

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Fatti fil-qosor**

Dan il-kaz jikkoncerna l-involviment tal-imputat f'serq u attentat ta' serq minn djar fi Triq il-Kejla, Is-Swieqi, kmieni nhar it-3 ta' Novembru 2020. L-imputat jinsab ukoll mixli b'ricettazzjoni ta' oggetti misruqa kif ukoll pussess u traffikar ta' droga kannabis.

**Ikkunsidrat**

**Xhieda**

[5] Fol. 416 ta' l-atti processwali

Il-Qorti ser taghmel riferenza ghax-xhieda li nstemghet viva voce u ghad-dokumenti saljenti li hija semghet u li gew prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2020 xehed l-**Ispettur Jonathan Cassar**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan[6]. Spjega li fit-3 ta' Novembru 2020 ghall-habta ta' 05:45hrs, l-Ghassa ta' San Giljan giet infurmata li ufficjali mit-Taqsima RIU kienu arrestaw lil certu Mohamadou Fofana mir-residenza Elan, Triq il-Kejla, Is-Swieqi. Dan kien fil-pussess ta' kamera tar-ritratti Fuji, pinna, zewg arloggi kif ukoll Eur. 95 kontanti fil-kalzetti. Fuq il-post acceda PS 750 Terry James Mallia mill-ghassa ta' San Giljan u minn tfittxija fil-backback tal-arrestat, irrizulta li kien hemm aktar gojjellerija. Dan is-serq kien a detriment ta' certu Marcolette Baker, li toqghod 20, Il-Hawt, Triq il-Kejla, Is-Swieqi. Fofana ikkoopera mal-Pulizija u stqarr li mieghu kellu komplici li lahaq harab li lahaq harab minn fuq il-post. Dan il-fatt gie kkonfermat dak il-hin minn PS 312 mill-RIU. F'dak il-punt tqabbdu ukoll esperti mit-Taqsima Forensika sabiex jghinu fl-investigazzjoni. Ix-xhud flimkien mal-Ispettur Matthew Grech wara li inghata d-drittijiet tieghu. Fl-istqarrija, Fofana ammetta li hu flimkien mal-imputat odjern Diakite Mohammed l-ewwel serqu mir-residenza ta' Baker u imbaghad ipprovaw jisirqu mill-fond 'Elan' izda ma mmaterjalizzatx minhabba li gew il-Pulizija u Diakite irnexxielu jahrab. Marcolette Baker qalet ukoll li mir-residenza taghha kienu nsterqu ukoll laptop tal-marka Acer kif ukoll tablet tal-marka Samsung li sa dak il-punt kienu ghadhom ma nstabux. Eventwalment PS 750 u PC 941, fuq struzzjonijiet tax-xhud, accedew fir-residenza ta' Fofana fil-Fgura fejn hemm instab l-imputat Mohammed Diakite u taht il-friex tas-sodda tieghu instabu l-laptop u t-tablet deskritti minn Marcolette Baker. Il-Pulizija sabet ukoll ammont ta' haxix ahdar jixbah 'cannabis grass' fil-backpack

[6] Fol. 15-24 tal-atti processwali

ta' Fofana, fost affarijiet ohra. Dwar dan, Fofana spjega li kien ta' Diakite u kien qed izommulu bl-intendiment li jerga' jghaddihulu. Fofana qal li Diakite kien ibiegh id-droga Paceville. Ittiehdet ukoll l-istqarrija ta' Diakite Mohammed bl-assistenza ta' interpretu Bader Zina wara li ghazel li jikkonsulta mal-Avukat Dr Chris Chircop. Innega kull involviment u qal li jista' jkun li xi hadd terz pogga il-laptop u t-tablet taht il-friex tieghu. Kemm Fofana u kemm Diakite tressqu l-Qorti bl-arrest in konnessjoni mar-reati msemmija. Rega' ha l-pedana fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2021[7] fejn ezebixxa r-rapport PIRS relattiv ghall-incidenza in ezami u fis-seduta tad-19 ta' Ottubru 2023[8] fejn ikkonferma li l-imputat Diakite huwa fil-fatt immigrant tal-Italja.

**PS 750 Terry James Mallia**, stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan xehed fis-seduta tal-4 ta' Marzu 2021[9]. Jikkonferma li fit-3 ta' Novembru 2020 kien involut fl-arrest ta' Mohammadu Fofana minn Triq il-Kejla, Is-Swieqi in konnessjoni ma serq minn djar f'dik it-triq. Kienu nstabu diversi gojjelerija u kamera tar-ritratti fuq Fofana. Fofana kien stqarr li kien akkampunjat minn persuna ohra waqt is-serqa. Minn hemm akkumpanja lil Fofana fir-residenza tieghu Bird of Paradise, Triq il-Merhba, Il-Fgura fejn instab ragel iehor bl-isem Diakite Mohammed. Fofana indika lil dan bhala l-persuna li kien mieghu u taht il-friex tas-sodda ta' Diakite instabu laptop u tablet li kienu gew rappurtati nieqsa wara s-serqa minn Marcolette Baker. In kontro-ezami ikkonceda li fir-residenza tal-Fgura kien jidher li joqghodu diversi persuni u li kull ma saret tfittxija kien fil-kamra fejn kien qieghed Diakite.

[7] Fol. 110-112 tal-atti processwali
[8] Fol. 354-355 tal-atti processwali
[9] Fol. 48-51 tal-atti processwali

Fl-istess seduta xehed **Dr Steven Farrugia Sacco**[10], espert mahtur mill-Qorti sabiex jaghmel mobile phone extraction, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu. Rega' xehed fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023[11].

Fis-seduta tal-24 ta' Gunju 2021 xehed **Ramon Mizzi**[12]. Spjega li huwa s-sid tar-residenza Elan, Triq il-Kejla, Is-Swieqi u li nhar it-3 ta' Novembru 2020 ghall-habta tal-05:30hrs, lemah ragel b'torch bhal qisu qed ifittex xi haga fil-gnien tad-dar tieghu. Iccekkja mill-gallarija u kkonferma li kien Pulizija, li qallu li kien hemm fuq rapport li kien dahal xi hadd fir-residenza tieghu. Fil-fatt fid-drive-in kien hemm izjed Pulizija. Eventwalment skoprew li fil-living rooom kien hemm ragel mistohbi wara s-sufan, li huwa gharaf bhala Fofana. Temm jghid li mid-dar ma nsteraq xejn u ma gie danneggjat xejn u jissoponi li l-malvivent dahal minn xi tieqa li kienet imbexxqa.

Fl-istess seduta xehdet **Marcolette Baker**[13]. Tispjega li hija s-sid tad-dar 20, Il-Hawt, Triq il-Kejla, Is-Swieqi. Kienet rieqda u kmieni filghodu daqq il-bieb ta' barra. Rat li kienu pulizija mill-RIU u ndunat li kienet giet misruqa. Tghid li sfaw nieqsa laptop, tablet, kamera tar-ritratti, arloggi u xi gojjellerija. Hekk kif harget fit-triq rat ragel arrestat mal-art biswit ir-residenza tal-gar taghha Ramon Mizzi, b'idejh wara u diversi oggetti minn taghha hdejh. Vicin il-bieb ta' barra tad-dar taghha rat mal-art par ingwanti roza. Tghid li eventwalment kienet identifikat l-oggetti misruq fl-Ghassa ta' San Giljan u identifikat l-istess oggetti waqt ix-xhieda taghha permezz ta' ritratti ezebiti in atti. Gharfet lil Fofana fl-awla bhala l-persuna li rat arrestat. In kontro-ezami tghid li ma nnutatx sinjali ta' sgass u li fl-ebda mument ma rat lill-malvivent fid-dar taghha. Ittemm tghid

[10] Fol. 52-53 tal-atti processwali
[11] Fol. 311-312 tal-atti processwali
[12] Fol. 67-70 tal-atti processwali
[13] Fol. 71-80 tal-atti processwali

li ghalkemm l-oggetti misruq gew irkuprati, ghadhom ma gewx mghoddija lura lilha mill-Pulizija.

L-**Ispettur Matthew Grech**, gia stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, xehed fis-seduta tas-7 ta' Ottubru 2021[14]. Jispjega li huwa assista lill-Ispettur Jonathan Cassar fl-investigazzjonijiet dwar il-kaz odjern fejn sottolinea li meta gie arrestat Mahamdou Fofana in flagrante delicto, fuq il-persuna tieghu instabu diversi oggetti li kienu jidhru li ghadhom kemm gew misruqa kif ukoll sustanza suspettata kannabis u sustanza suspettata droga sintetika. Jispjega li mill-investigazzjoni irrizulta li Fofana kien qed jopera flimkien ma certu Diakite Mohammed li huwa l-imputat prezenti. Dan gie arrestat aktar tard mir-residenza Bird of Paradise, Triq il-Merhba, Fgura mill-Pulizija fil-prezenza ta' Fofana stess. Ix-xhud ikkonferma l-istqarrija tal-imputat u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess. Fiha l-ikputat innega kull involviment tieghu fis-serq deskritt kif ukoll li d-droga kienet tieghu.

Fis-seuta tat-3 ta' Frar 2022 xehed l**-Ispizjar Godwin Sammut,** espert mahtur mill-Qorti sabiex janalizza s-sustanzi elevati fil-kors tal-investigazzjonijiet. Filwaqt li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu[15], ikkonferma li fuq estratti mehudi mis-sustanza ta' lewn kannella u fuq il-haxix ta' lewn ahdar ma nstabux sustanzi illeciti filwaqt li fuq estratt mehud mill-buds ta' lewn ahdar instaber is-sustanza tetrahydrocannabinol (THC) b'piz ta' 3.84g u purita' ta' cirka 12%. Din is-sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. In kontro-

[14] Fol. 89-91 tal-atti processwali
[15] Fol. 128-131 tal-atti processwali

ezami, ix-xhud specifika li fil-kaz tal-buds, ikun sar ezami fuq kampjun mill-buds fil-qartas u mhux test individwali fuq kull bud.

Fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2022 xehed **PS 312 Joseph Sultana**[16]. Jispjega li fit-3 ta' Novembru 2020 ghall-habta tal-05:30hrs irrisponda ghar-rapport fi Triq il-Kejla, Is-Swieqi. Mamamadou Fofana gie arrestat minn gewwa r-residenza Elan, fl-isemmija triq, fejn instab mistohbi wara sufan. Gie arrestat minnufih u fuq il-persuna tieghu kien hemm diversi oggetti bhal biro, kamera tar-ritratti u arloggi u flus fil-kalzetti li kienu jidhru li gew misruqa. Kellu backpack iswed li fih kien hemm aktar gojjelerija kif ukoll sustanza li dehret bhal Kannabis. Kien hemm gara, certu Marcolette Baker, li gharfet l-oggetti li nstabu fuq Fofana bhala taghha.

Fl-istess seduta xehed **PC 941 Ryan Agius Said**[17] li ukoll assista nhar it-3 ta' Novembru 2020. Bhal kollegi tieghu ikkonferma l-fatti li wasslu ghall-arrest ta' Mahamadou Fofana u zied li dan Fofana beda jghid lill-pulizija li kien akkumpanjat minn persina ohra. Ix-xhud kien prezenti ukoll waqt l-operazzjoni tal-arrest tal-imputat Diakite Mohammed mill-Fgura, fejn huwa assista f'li dan jigi eskortat lejn l-Ghassa ta' San Giljan. Gharaf lill-imputat Diakite fl-awla.

Fl-istess seduta xehed **Patrick Bugeja**[18] f'isem l-Agenzija Identity Malta, li spjega li fir-rigward tal-imputat Diakite Mohammed ma nstabet l-ebda indikazzjoni li dan qatt kellu xi forma ta' permess ta' residenza f'Malta. Jidher li ghandu dokuntazzjoni tal-Italja. L-istess ikkonfermat Angela Craus[19] fis-seduta tat-2 ta' Frar 2023.

---

[16] Fol. 143-144 tal-atti processwali
[17] Fol. 145-146 tal-atti proceswali
[18] Fol. 172-173 tal-atti processwali li
[19] Fol. 283-285 tal-atti processwali

Fis-seduta tal-15 ta' Settembru 2022 xehdu l-**Ispettur Thomas Zammit u PC 2369 Stephanie Cassar**[20], adetti fit-Taqsima Forensika, li halfu u pprezentaw ir-relazzjoni taghhom wara inkarigu ta' fotografija.

Fis-seduta tat-2 ta' Frar xehed **Mark Vassallo**[21], espert fuq gojjellerija inkarigat mill-Qorti, li halef u pprezenta r-relazzjoni tieghu[22]. Huwa ivvaluta l-gojjelerija misruq fl-ammont ta' €6,669.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 xehdet **Anne Camilleri**[23] li hija gara ta' Marcolette Baker fi Triq il-Kejla, Is-Swieqi. Tghid li kienet hierga ghax-xoghol filghodu u kien hemm prezenza tal-pulizija fit-triq. Xi jien wara, sabet kaxxa tal-plastik trasparenti hdejn il-letter box taghha li rrizultat li kient ta' Marcolette Baker u kienet izzomm fiha l-gojjelerija. Din giet migbura mill-pulizija.

Fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2023 xehed **PC 1023 Fabrizio Farrugia**[24], stazzjonat fl-Ghassa ta' San Giljan, li kkonferma li kien assista lid-derubata Marcolette Baker f'ezercizzju fejn il-gojjelerija rappurtata nieqsa giet elenkati u tnizzlu valuri approssimattivi skont dak li qalet Baker.

Fis-seduta tal-24 ta' Novembru 2023 xehed **Mohamadou Fofana**[25]. Wara li kkonferma li l-proceduri kontra tieghu huwa konkluzi, gharaf lill-imputat Diakite fl-awla bhala persuna li kien joqghod mieghu. Ix-xhieda ta' Fofana issoktat fis-seduta tal-15 ta' Frar 2024[26]. Filwaqt li kkonceda li kien gie arrestat minn residenza fis-Swieqi minn fejn kien qed jisraq, wara hafna titubazzjoni

---

[20] Fol. 186-187 tal-atti processwali
[21] Fol. 286-288 tal-atti processwali
[22] Fol. 289-301 tal-atti processwali
[23] Fol. 306-310 tal-atti processwali
[24] Fol. 342-344 tal-atti processwali
[25] Fol. 360-368 tal-atti processwali
[26] Fol. 380-402 tal-atti processwali

stqarr li kien akkumpanjat minn "Diakite" waqt din il-vicenda. F'dak iz-zmien hu u l-imputat kienu jirresjiedu flimkien. Jghid li ftit qabel ma kien gie arrestat kien qal lill-imputat biex jiehu l-basket u jitlaq lejn id-dar. Fil-basket kien hemm laptop, tablet u xi affarijiet ohra, liema oggetti kienu ttiehdu minn dar. Jispecifika li kien hu li seraq mid-djar u kien cempel lill-imputat biex jiehu l-basket bl-affarijiet u jitlaq lejn id-dar bih. Ammetta li l-kannabis li kienet instabet fil-basket kienet tieghu ghax f'dak iz-zmien kien ipejjep il-haxixa. In kontro-ezami qal li l-imputat ma kienx isuq.

**Stqarrija**

Illi l-istqarrija tal-imputat Diakite Mohammed ittiehdet mill-Ispetturi Jonathan Cassar u Matthew Grech fit-3 ta' Novembru 2020 wara li l-imputat inghata s-soliti drittijiet, inkluz dak ghall-assistenza legali, fejn huwa fil-fatt ikkonsulta mal-Avukat Dr Christopher Chircop[27]. Fiha jinnega kemm l-involviment tieghu fis-serq in ezami kif ukoll li huwa jikkonsma jew ibiegh id-droga. Fir-rigward tas-serq jittenta jitfa' l-htija fuq Mohamadou Fofana billi jghid "ma nafx ghalfejn Fofana qed idahhalni f'dawn l-affarijiet".

**Trattazzjoni**

Il-prosekuzzjoni u d-difiza trattaw il-kaz fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025. Il-prosekuzzjoni, in succint, tghid li l-identifikazzjoni tal-imputat Mohammed Diakite tohrog primarjament minn dak li qal Mahamadou Fofana li nstab fuq il-post u kkollabora mal-Pulizija. Minn dak li qal Fofana, deher li l-mastermind kien Diakite u li dan irnexxielu jahrab. Instabet imbaghad parti mir-*res furtiva*

[27] Fol. 28-31tal-atti processwali

taht il-friex ta' Diakite fir-residenza tieghu meta dawn certament ma setghux ittiehdu hemm minn Fofana minhabba li dan gie arrestat fuq il-post immedjatament. Ghalkemm fl-istqarrija tieghu Diakite jipprova jghid li l-affarijiet tpoggew fis-sodda tieghu minn terzi, dan l-argument ma jwasslu mkien.

Id-difiza tattakka l-kredibilita' ta' Fofana billi tghid li l-istqarrija tieghu mhix guramentata u li fil-punt li ttiehdet, ma kienx xhud kompellibbli kontra l-imputat minhabba li kienu ko-akkuzati. Tkompli li fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti, li hija l-unika verzjoni li tiswa, Fofana jghid li cempel lil Diakite u gie jigbor basket wara li Fofana wettaq l-ewwel serqa u fl-ebda punt ma jghidilna li Diakite kien il-mastermind. Imbaghad hemm il-fatt li Fofana precedentament instab hati ta' reati filwaqt li l-fedina ta' Diakite hija netta. Rigward is-sejba tar-*res furtiva* fir-residenza tal-imputat fil-Fgura inghad li kienu joqghodu hafna nies. Taghlaq tghid li l-prosekuzzjoni naqset milli ggib provi permezz ta' *localisation data* jew filmati CCTV u allura, minbarra dak li jghid Fofana, ma hemm l-ebda prova konkreta li Diakite kien fuq il-post fis-Swieqi. Rigward l-akkuzi relatati mad-droga, id-difiza tghid li din instabet fuq Fofana u li filwaqt li Fofana kien ammetta li jpejjep il-haxixa, Diakite dejjem innega li kien juza d-droga u inoltre, ma hemm l-ebda prova li torbot lil Diakite ma din id-droga bhal per ezampju DNA jew marki tas-swaba.

**Ikkunsidrat:**

**Serq Aggravat u Attentat ta' Serq Aggravat**

Illi permezz tal-ewwel zewg imputazzjonijiet, l-imputat qed jigi mixli b'serq ta' gojjellerija, flus kontanti u apparat eletroniku b'valur li jeccedi l-€2,329.37 ghad-dannu ta' Marcolette Baker, liema serq huwa ikkwalifikat bil-'mezz', bil- 'valur', bil-'lok' u bil-'hin' kif ukoll attentat ta' serq aggravat bil- ''mezz', bil- 'valur', bil-

'lok' u bil-'hin' ghad-dannu ta' Ramon Mizzi. Iz-zewg episodji allegatament graw f'residenzi biswit xulxin fi Triq il-Kejla, Is-Swieqi.

Id-difiza tissottometti li ma hemmx prova diretta li l-imputat kien fuq il-post ghajr dak li jixhed Mohamadou Fofana wara hafna ezitazzjoni. Dan stabbilit, din il-Qorti xorta ftit ghandha dubju li l-imputat Mohammed Diakite fil-fatt kien fuq il-lok fis-Swieqi. Minkejja dan, madankollu, ma hemmx provi diretti li juru li l-imputat wettaq is-serq hu stess. Minn dak kollu li gie pprezentat jirrizulta bic-car li l-persuna li kien wettaq is-seraq kien Mohamadou Fofana, li wara kollox ammetta ghall-dawn l-akkuzi fi proceduri distinti u gie sentenzjat.

Fir-rinviju ghall-gudizzju tieghu, l-Avukat Generali ma jakkuzax lill-imputat Diakite b'komplicita fis-serq skont l-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali izda li huwa seraq bhala agent principali. Filwaqt li *obiter* il-Qorti tara li jissussistu l-elementi tal-komplicita' fil-*modus operandi* tieghu, il-mod kif akkumpanja u assista lil Fofana u trasporta whud mill-oggtti misruqa minn fuq il-post, din il-Qorti ma ghandiex il-kompitu li taghmel gudizzju dwar komplicita ta' serq stante li dan l-artikolu ma giex indikat mill-Avukat Generali bhala wiehed li tista tikkunsidra ghall-fini ta' htija.

Ghaldaqstant din il-Qorti tqis li l-ewwel (1) u t-tieni (2) imputazzjonijiet ma gewx ippruvat u sejra tghaddi sabiex tillibera lill-imputat minn kull htija u piena dwarhom.

**Ricettazzjoni**

Illi permezz tat-tielet (3) imputazzjoni, l-imputat qed jigi mixli li xjentement laqa' ghandu hwejjeg misruqa, mehudha b'qerq, jew akkwistati b'reat ai termini tal-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminali. L-imputazzjoni tirreferi ghal-laptop u

tablet li sfaw nieqsa mid-dar ta' Marcolette Baker u sussegwentament instabu fir-residenza fejn kienu qed joqghodu l-imputat Mohammed Diakite u Mohamadou Fofana fil-Fgura, sewwasew that il-friex tas-sodda ta' Diakite.

Intqal diversi drabi mill-Qrati Maltin[28] li sabiex persuna tinsab ħatja ta' riċettazzjoni hu meħtieġ li jikkonkorru s-segwenti tliet rekwiżiti u cioe': a. il-provenjenza lleġittima tal-oġġett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew ġie meħud b'qerq jew akkwistat b'reat ieħor; b. l-akkużat irid ikun laqa' għandu jew xtara tali oġġett li għandu provenjenza lleġittima; u c. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oġġett in kwistjoni. L-element formali ta' dan ir-reat allura hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illeċita tal-oġġett suġġett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwiżit jista' jiġi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji Dan l-element formali tar-reat ikun jissussisti anki jekk l-akkużat ikun irċieva jew xtara l-oġġett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li tatu dan l-oġġett setgħet ġiet f'pussess ta' dak l-oġġett b'mod illeċitu u b'dana kollu xorta jilqa' għandu jew jixtri tali oġġett mingħajr ma jagħmel xejn biex jivverifika u jaċċerta ruħu li l-pussess ta' dik il-persuna l-oħra kien wieħed leġittimu u mhux kif kien qed jissuspetta hu.

Mill-provi in atti jirrizulta sal-grad rikjest li l-laptop u t-tablet gew misruqa minn Mohamadou Fofana mill-fond 20, 'Il-Hawt', Triq il-Kejla, Swieqi ghad-dannu ta' Marolette Baker. Dan partikolarment mix-xhieda tal-istess Fofana li spjega li wara li kien seraq, kien baghat lil Diakite id-dar bil-backpack li kien kontenenti il-laptop u t-tablet. Mic-cirkostanzi huwa ovvju li l-imputat kien jaf

[28] vide ***Il-Pulizija v Darren Debono*** tal-15 ta' Jannar 2009 Appell Numru 248/2008; ***Il-Pulizija vs Raymond Galea*** Appell Numru 285/2017 deċiża fl-4 ta' Settembru, 2018 u ***Il-Pulizija vs Peter Carabott*** deċiża 15 ta' Settembru, 2010

bil-provenjenza misruqa tal-oggetti u minkejja dan, laqaghhom ghandu. Ghalhekk, l-elementi tar-reat ta' ricettazzjoni huma pjenament sodisfatti.

Ghall-fini ta' piena l-Artikolu 334(a) tal-Kodici Kriminalki jiddetta li jekk il-ħaġa tkun ġejja minn serq, il-piena applikabbli hija ekwivalenti ghal dik f'kaz ta' reat ta' serq u kalibrata skont il-valur tal-haga.

Mill-provi, l-oggetti li laqa' ghandu l-imputat, ossija li nstabu fil-pussess tieghu huma laptop u tablet ghad-dannu ta' Marcolette Baker. Mehuda individwalment, dawn l-oġġetti għandhom valur ta' aktar minn €232.94 izda mhux akatar minn €2,329.37. Ghalhekk, b'referenza ghall-Artikolu 279(1) tal-Kodici Kriminali, il-piena hawn applikabbli hija ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.

Ghalhekk, in vista tal-premess, il-Qorti sejra ssib lill-imputat hati tat-tielet (3) imputazzjoni. Il-piena relattiva ser tigi trattata *infra*.

**Pussess u Trakkikar tad-Droga Kannabis**

Illi permezz tar-raba (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, l-imputat jinsab mixli ukoll li kellu fil-pussess tieghu droga derivata mill-pjanta kannabis kif ukoll li biegh jew b'xi mod iehor din id-droga.

Il-provi li ghandha quddiemha din il-Qorti jindikaw li l-Pulizija sabet ammont ta' haxix ahjar fil-backpack li nstab fil-pussess ta' Mohamadou Fofana. Mill-analizi maghmula mill-Ispizjar Godwin Sammut fuq inkarigu tal-Qorti[29] irrizulta li dan il-haxix jew ahjar 'cannabis buds' kien pozittiv ghas-sustanza tetrahydrocannabinol (THC) b'piz ta' 3.84g u purita' ta' cirka 12%, liema

[29] Fol. 128-131 tal-atti processwali

sustanza tigi mill-pjanta tal-Kannabis u hija kkontrollata bil-ligi taht Taqsima III sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, gie ppruvat li s-sutanza hija tabilhaqq droga.

Il-Qorti trid tara issa kif din is-sustanza torbot mal-imputat Diakite. Meta gie arrestat, Mohamadou Fofana, li quddiem din il-Qorti taht gurament, Fofana biddel il-verzjoni tieghu u beda fuqu nstabet il-haxixa, spjega li kienet ta' Diakite u kien qed izommha bl-intendiment li jerga' jghaddihielu. Qal ukoll li Diakite kien gieli jbiegh id-droga Paceville. Biss meta xehed taht gurament quddiem din il-Qorti, qal li l-kannabis li kienet instabet fil-basket kienet tieghu ghax f'dak iz-zmien kien ipejjep il-haxixa. Ghalhekk, il-verzjoni ta' Fofana ftit li xejn hija affidabbli u jekk xejn, l-ewwel verzjoni hija mxejjna bit-tieni wahda li saret bil-gurament. Fit-trattazzjoni, id-difiza tissottometti li apparti dak li kien qal originarjament Fofana ma hemm l-ebda prova ohra konkreta, bhal per ezempju DNA jew impronti digitali, li jorbtu l-qartas kontenenti l-kannabis ma Diakite. Wara li fliet sewwa l-fatti, il-Qorti taqbel ma dan l-argument u tikkonkludi li la hemm prova sodisfacenti li f'xi mument l-imputat Diakite kien fil-pussess tal-haxixa u wisq anqas li huwa kien qed ibiegh jew b'xi mod iehor jittraffika din is-sustanza.

Ghalhekk, il-Qorti sejra ukoll tillibera lill-imputat mir-raba (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet ghax mhux sufficjentament ipprovati.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

Rigward il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali ta' l-imputat[30] li hija wahda netta. Ghalkemm fuqha ma tindika xejn, huwa car ghall-Qorti li din tkopri biss il-perjodu li matulu l-imputat kien f'Malta.

[30] Fol. 5 tal-atti processwali

Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, partikolarment il-fatt li l-imputat kien qed jopera in kolluzjoni ma persuna ohra u cioe' Mohamadou Fofana sabiex isir serq minn residenzi privati, il-Qorti thoss li l-piena certament m'ghandhiex tkun fil-minimu.

**Decide**

Ghalhekk, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15A; 17; 31; 41(1)(a);261(b)(c)(e)(f); 263(a)(b); 266(1); 267; 269(g); 270; 278(3); 279(b), 280(2) u 281(b); 280(2); 281(b); 334(a); 334A; 382A, 383, 384, 386; 412C; 532A; 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikoli 8(e); 22(1)(a) u 22(2)(a)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02 filwaqt li qed issib lil Mohammed Diakite **mhux hati** tal-ewwel (1), it-tieni (2), ir-raba (4) u l-hames (5) imputazzjonijiet, qed issibu **hati** tat-tielet (3) imputazzjoni u tikkundannah ghal piena ta' sentejn (2) prigunerija fir-rigward, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien li l-istess imputat ghamel taht arrest preventiv.

Fir-rigward tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta htija, minbarra li tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lil hati Diakite Mohammed ihallas lir-Registratur tal-Qorti **nofs** l-ispejjez tal-espert Dr. Steven Farrugia Sacco mahtur fis-somma ta' hames mitt euro disa u tlettin euro u seba u sittin centezmu (€539.67)[31].

Komunika: Registratur tal-Qrati Kriminalu u Tribunali

[31] Folio 66 u 336 ta' l-atti processwali

Moghtija illum nhar is-7 ta' April, 2025, fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta

**Dr Nadine Sant Lia**

**Magistrat**

**Courtnet Zahra**

**Deputat Registratur**